**Bilqiegħda ħdejja**

Tlajt l-aħħar waħda
Meta kulħadd kien bilqiegħda
Dħalt kif inti stajt
Minn mixjietek kont imriegħda.

Is-skiet kien fuqek
Donnok kont imrekkna f'qabar,
Miksura għajnejk
Għatxana kont biex tistabar.

Ridt kieku nkellmek
Kont mitlufa qalb miljun ħsieb,
Wisq kerha l-ħajja
Mingħajr l-imħabba ta' dal-ħbieb.

Biex tkompli tgħaxxaq
F'dis-solitudni wisq kiefra
Twarrbet il-fidi
U ħarstek saret biċ-ċiera.

Vojt kbir, kollu xejn
Sefgħet qalbek wisq miġrugħa,
Bkiet w bkiet mifnija
F'dawk għajnejk suwed minfuħa.

Jaħasra x'niket
Meta l-ħsieb jieqaf, ma jaħdimx,
Isir biss oġġett
Li jtambar wahdu ma jaħsibx.

Il-le għat-twemmin
Niket kbir f'qalbek jawwarlek,
Qalbek tieħu r-ruħ
Fil-ħin li ddur lejn min sawrek.

Talbi hu għalik
'Il fuq mgħollija idejja,
Minix se ninsik
Inti li bilqiegħda ħdejja.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.